Wara daqq ta' l-Innu Malti u marċa Sinfonika mill-"Isouard String Orkestra", taħt it-tmexxija tas-Surmast Pace, il-President tal-Kumitat "Tfakkira A. Preca", qara diskors qasir bħala introduzzjoni ta' l-Akkademja, fejn qal li hu dmir li wieħed jagħmel tfakkira ta' min għamel ġieħ lil art twelidu, fil-waqt li semma wkoll l-ammirazzjoni li kellu Preca lejn il-Parroċċa Villa Lija, fejn għax u ġie midfun wara mewtu.

Wara li s-Sur A. Bartolo, akkompanjat bil-pjanu mis-Surmast G. Grima, kanta l-"Ella Giammai M'amò", mill-opra "Don Carlos", ta' Verdi, is-Sur Nin Cremona qara diskors b'suġġett: "Preca bħala Filologu", li minnu wieħed seta' jifhem illi għalkemm ix-xjenza tal-Filoloġija kienet għadha fil-bidu tagħha, Preca, wara li għarbel sewwa l-Ilsien Malti ħallielna xogħol li jibqa' bħala l-ewwel trattat fuq is-sura organika tal-Lsien Malti.

Wara daqq melodjuż tal-"Pas Leger", tas-Surmast C. Pace, l-Avukat Prof. Aquilina qara diskors b'suġġett: "Preca fil-Letteratura Maltija", fejn wera lil Preca bħala wieħed fost il-kittieba ewlenin li għenu fil-bini tal-Letteratura tajba Maltija, għaliex għaraf il-ħtieġa tat-tagħlim tal-Malti għall-edukazzjoni tal-poplu, fil-waqt li rnexxielu jasal fejn wasal bl-istil ħelu, sempliċi u ċajtier tiegħu.

Wara d-daqq ta' "Pris D'Orient", ta' Pisani, ir-Rev. Prof. S.M. Zarb, O.P., qara diskors b'suġġett: "Preca bħala Edukatur Reliġjuż", fejn radd ħajr lin-nies ta' Hal Lija talli għarfu jagħmlu tfakkira ta' l-imfaħħar A. Preca u fejn imbagħad wera s-sentiment reliġjuż fil-kitba ta' Preca billi semma fit-tul l-"Istorja Sagra" u l-"Istorja tal-Knisja" għall-poplu. Fl-aħħar il-Prof. Zarb wera kemm jixraq li l-kitba ta' A. Preca tinġabar flimkien u tibqa' tinqara.

Kull wieħed mit-tliet oraturi ġie introdott mill-President u kull diskors u l-orkestra ġew milqugħin b'ċapċip kbir ta' l-idejn. Fl-aħħar din l-Akkademja Nazzjonali li tibqa' msemmija fl-istorja tal-Malti u tal-Parroċċa Villa Lija spiċċat b'kant ta' l-Innu tas-Sur S. Mifsud, mużikat mis-Surmast C. Pace.

Wara li spiċċat l-Akkademja u l-Prof. Aquilina, f'isem il-"Għaqda tal-Malti (Università)", ta ritratt żgħir ta' A. Preca fi gwarniċ indurat lill-Kappillan għall-Mużew tal-Parroċċa, il-President tal-Kumitat tat-Tfakkira radd ħajr lil kull min għen biex tirnexxi t-Tfakkira u stieden lill-mistednin għal bikkjerata, li saret fuq fis-swali tal-Każin.



# TGĦID?

*Ta'* ĠUŻI MICALLEF GRIMAUD

Inħobbok!
X'kelma!
Kemm għidnieha lil xulxin
b'leħen mksur b'biki ġewwien ta' ferħ
taħt sema jsewden sajfi,
b'xi kewkba fih, lil hawn u 'l hinn,
li tfeġġ u tilma w tgħib,
u terġa' tfeġġ u tilma!

X'seħer ta' kelma!
Taf l-għala dat-tferfir,
dal-ferħ ta' ġenn,
dal-qbiż tal-qalb f'sidirna;
dal-ifiq u dat-tregħid,
dad-dmugħ,
dil-ħlewwa kollha
nieżla dilluvju dwarna?

Taf l-għala l-estasi?

Taf l-għala kif ngħiduha lil xulxin,
dil-kelma,
fuq l-art ma jibqa' ħadd ħlief jien u int,
u l-ħsejjes biss jinstemgħu
ta' żewġt iqlub
qalb waħda?

Tgħid għax twerritna,
lili w lilek,
is-setgħa tal-Ħallieq
u t-tnejn tagħmilna,
int omm,
u jien missier,
ta' dinja ġdida?

Victoria, Għawdex, 25. 9. 51.